ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI Nru 1/2022 TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-ŻVIZZERA

tas-6 ta' Settembru 2022

li temenda l-Iskedi III u IV tal-Protokoll Nru 2 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tat-22 ta' Lulju 1972, kif emendat [2022/1635]

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tat-22 ta' Lulju 1972 ([1]), kif emendat bil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tas-26 ta' Ottubru 2004 li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tat-22 ta' Lulju 1972 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-prodotti agrikoli pproċessati ([2]), minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tal-Protokoll Nru 2 tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 5(2) tal-Protokoll Nru 2 tal-Ftehim, l-Unjoni u l-Konfederazzjoni Żvizzera, bħala Partijiet Kontraenti, ipprovdew lill-Kumitat Konġunt il-prezzijiet domestiċi ta' referenza tal-2021 tal-materja prima kollha li għaliha ġew applikati miżuri ta' kumpens għall-prezzijiet. Minn dawk il-prezzijiet jirriżulta li s-sitwazzjoni reali tal-prezzijiet fir-rigward ta' dik il-materja prima fit-territorju tal-Partijiet Kontraenti nbidlet.

(2) Huwa għalhekk meħtieġ li jiġu aġġornati l-prezzijiet domestiċi ta' referenza u d-differenzi fil-prezzijiet għall-materja prima agrikola elenkata fl-Iskeda III tal-Protokoll Nru 2 tal-Ftehim, kif ukoll li jiġu adattati l-ammonti bażiċi tal-materja prima agrikola elenkata fl-Iskeda IV ta' dak il-Protokoll,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll Nru 2 tal-Ftehim huwa emendat kif ġej:

(a) l-Iskeda III hija sostitwita bit-test stabbilit fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni;

(b) fl-Iskeda IV, il-punt (b) huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2022.

([1]) ĠU L 300, 31.12.1972, p. 189.
([2]) ĠU L 23, 26.1.2005, p. 19.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Settembru 2022.

Għall-Kumitat Konġunt
Il-President
p.p. Rita ADAM
Kap tal-Missjoni

ANNESS I

"TABELLA III

Prezzijiet domestiċi ta' referenza tal-Iżvizzera u tal-UE

Materja prima agrikola	Prezz domestiku ta' referenza tal-Iżvizzera	Prezz domestiku ta' referenza tal-UE	L-Artikolu 4(1) Applikat fl-Iżvizzera, Differenza fil-prezz ta' referenza tal-Iżvizzera/tal-UE	L-Artikolu 3(3) Applikat fl-UE, Differenza fil-prezz ta' referenza tal-Iżvizzera/tal-UE
	CHF għal kull 100 kg netti	CHF għal kull 100 kg netti	CHF għal kull 100 kg netti	EUR għal kull 100 kg netti
Qamħ komuni	51,80	23,54	28,25	0,00
Qamħ durum	—	—	1,20	0,00
Segala	42,80	18,50	24,30	0,00
Xgħir	—	—	—	—
Qamħirrum	—	—	—	—
Dqiq tal-qamħ komuni	91,60	46,68	44,90	0,00
Trab tal-ħalib sħiħ	629,60	323,59	306,00	0,00
Trab tal-ħalib xkumat	420,10	260,22	159,90	0,00
Butir	1 128,35	409,97	718,40	0,00
Zokkor abjad	—	—	—	—
Bajd	—	—	38,00	0,00
Patata Friska	40,05	17,05	23,00	0,00
Xaħam veġetali	—	—	170,00	0,00".

ANNESS II

"(b) Ammonti bażiċi għall-materja prima agrikola meqjusa għall-kalkolu tal-komponenti agrikoli:

Materja prima agrikola	Ammont bażiku applikat fl-Iżvizzera Art 3(2)	Ammont bażiku applikat fl-UE Art 4(2)
	CHF għal kull 100 kg netti	EUR għal kull 100 kg netti
Qamħ komuni	23,00	0,00
Qamħ durum	1,00	0,00
Segala	19,80	0,00
Xgħir	—	—
Qamħirrum	—	—
Dqiq tal-qamħ komuni	36,60	0,00
Trab tal-ħalib sħiħ	248,45	0,00
Trab tal-ħalib xkumat	130,30	0,00
Butir	570,15	0,00
Zokkor abjad	—	—
Bajd	30,95	0,00
Patata Friska	18,20	0,00
Xaħam veġetali	138,55	0,00".